MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 1388/2002/1

***Carmel Cassar***

***vs***

***Christopher Paul Grech***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1122.58) rappresentanti danni sborsati mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara l-Fgura fit-3 ta' Gunju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IBB 449 habat mal-vettura bin-numru JAN

383 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Jonathan Cassar, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-10 ta’ Ottubru 2001, dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2002, u dawk ta’ l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll bl-imghax legali mill-25 ta’ Frar 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta’ Gunju 2002, li permezz taghha huwa eccepixxa illi huwa ma kellu l-ebda responsabbilita’ fl-incident u illi l-kollizzjoni mertu tal-kawza grat unikament b’tort ta’ l-istess attur; illi t-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda stante illi ma hemm l-ebda danni x’jigu likwidati u; illi t-talba attrici ghandha tigi rigettata stante illi l-konvenut m’ghandu jhallas l-ebda danni.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, ta’ l-*investigating officer* P.C.1341 Joseph Attard, tas-sewwieq Jonathan Cassar, ta’ Chantel Falzon u ta’ Mark Camilleri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ d-Dokumenti CC1 sa CC11, konsistenti fis-*survey report* u ricevuti tat-tiswijiet tal-hsarat ikkagunati fil-vettura ta’ l-attur, u d-Dokument JA2, konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz ta’ l-incident.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa Hompesch Road, kantuniera ma’ St.John’s Street, gewwa l-Fgura fit-3 ta’ Mejju 2001 ghal habta tal-5 ta’ wara nofs in-nhar, bejn vettura tal-marka VolksWagen bin-numru JAN 383, propjeta’ ta’ l-attur misjuqa minn ibnu Jonathan Cassar u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru IBB 449.

Jonathan Cassar, li dak in-nhar ta’ l-incident kien akkompanjat mit-tfajla tieghu u minn huh iz-zghir, ighid illi huwa kien qieghed isuq Hompesch Road, sejjer lejn id-direzzjoni tal-Fgura. Jiftakar illi l-vettura tal-konvenut

kienet qieghda tinsaq quddiemu. Kif din il-vettura wasslet f'salib it-toroq, hija waqqfet, imbaghad irriversjat u waqqfet. Huwa kien 'il boghod minnha tul ta' karozza. Huwa ghalhekk mar sabiex jaqbizha u hekk kif ghamel hekk, il-konvenut saq, dar u baqa' diehel fuqu. Huwa fehem illi f'dak il-mument il-konvenut kien bi hsiebu jaghmel U-turn sabiex imur fid-direzzjoni l-opposta.

Ix-xhud ighid illi l-ewwel darba li ra lill-konvenut jirriversja kien ghadu kemm dar mar-*roundabout* tal-Mina ta' Hompesch, hekk kif beda joqrob lejha huwa mar sabiex jaqilghu u l-konvenut dar ghal fuqu. L-incident gara iktar 'il isfel minn St.John Street.

Ix-xhud Chantel Falzon li kienet riekba hdejn Jonathan Cassar tikkorrobora dak illi jixhed l-istess Cassar. Ix-xhud izzid tghid illi l-konvenut ma xeghelx l-*indicator* u hija ratu qieghed ihares lejn il-karreggjata l-opposta. Fil-mument ta' l-impatt hija tghid illi l-vettura taghhom kienet wieqfa parti fuq il-karreggjata taghhom u parti fuq il-karreggjata l-opposta ghaliex Cassar kien ser jissorpassa l-vettura tal-konvenut. Hija issostni illi f'dak il-mument ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta. Hija tikkontendi illi l-kollizzjoni sehhet iktar 'il isfel minn St.John's Street.

Kopja tar-*road accident report* u l-iskizz ta' l-incident gew esibiti minn PC 1341 Joseph Attard, li kien l-*investigating officer* f'dan l-incident. Huwa jaghti l-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa dak in-nhar ta' l-incident, liema verzjoni hija imnizzla fir-*road accident report*. Ix-xhud ighid illi l-*ispot of impact* kien iktar 'il isfel minn St. John's Street u li mad-daqqa z-zewg vetturi imxew 'il quddiem. Jiftakar illi Jonathan Cassar kien qallu illi l-konvenut ma kienx xeghel l-*indicator*, u lanqas il-konvenut stess ma kien qallu li fil-fatt l-*indicator* kien xeghelu. Jiftakar illi kien stqarr illi huwa kien ser idur ghal go St. John's Street, u meta kien ser jaghmel din il-manuvra ma kienx ra vetturi ohrajn inkluza dik ta' Jonathan Cassar.

Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi filwaqt illi kien qieghed isuq fi Triq Hompesch sejjer lejn id-direzzjoni tal-

Belt, huwa waqqaf sabiex idur fuq il-lemin tieghu lejn St. John Street.

Huwa jghid illi xeghel l-*indicator* u stenna sakemm il-vetturi li kienu gejjin warajh jaqqbzuh. Kif ra illi ma kenux gejjin vetturi mill-karreggjata l-opposta, huwa beda jikser sabiex idur gewwa St. John’s Street. Kif huwa gie sabiex jikser, giet Golf minn warajh misjuqa b’velocita’ qawwija u baqghet diehla fih. Mad-daqqa, l-vettura tieghu u dik misjuqa minn Cassar baqghu jitkaxkru ras in b’ras u imxew madwar tmien metri ‘il quddiem. Qabel il-mument ta’ l-incident huwa ma kienx ra l-vettura misjuqa minn Cassar, hekk kif kien ser jisker huwa sema’ brejk u hekk kif hares ra l-Golf diehla fuqu. Huwa jghid illi lis-surgent ma kienx spjegalu illi kien gie imkaxkar madwar tmien metri u dana ghaliex dehrlu illi dina kienet xi haga ovvja gialadarba huwa kien spjegalu li kien bi hsiebu jdur lejn St. John’s Street. Huwa jichad illi fil-fatt kien ser jaghmel U-turn kif jikkontendi Cassar u x-xhieda tieghu. Il-hsarat fil-vettura tieghu kien f’nofs il-bieba ta’ quddiem u kien anke tghawweg is-*seat*. Il-konvenut ighid illi kien hemm xhud okulari certu Mark Camilleri, li pero’ dak in-nhar ta’ l-incident huwa ma kienx indikah lill-pulizija.

Mark Camilleri, jixhed illi huwa kien qieghed isuq gewwa Hompesch Road, kien ipparkja ghaliex ried jieqaf jixtri minn hanut u kien ser jaqsam it-triq. Huwa kien ser jaqsam Triq San Gwann u ra l-vettura Peugeot diehla go din it-triq sekondarja u hekk kif kienet ser iddur ghal go din it-triq, giet vettura minn warajha, issorpassatha u hekk kif il-Peugeot kienet ser tikser sehhet il-kollizzjoni.

L-attur Carmel Cassar, sid il-vettura JAN 383 ezebixxa sett dokumenti in konnessjoni mal-*quantum tad-danni* li gew immarkati bhala Dokumenti CC1 sa CC11 u jikkonferma illi huwa sewwa l-hsarat kollha li kien hemm fil-vettura. Huwa ma kienx prezenti meta sehh l-incident, izda kien acceda wara fuq il-post. Huwa sema’ lill-konvenut ighid lis-surgent li kien ser jikser ghal go St. John’s Street, izda huwa seta’ jara illi l-vetturi kienu weqfin hafna iktar ‘il isfel minn din it-triq.

Ikkunsidra:

Illi z-zewg sewwieqa u x-xhud prodotti minnhom rispettivament jaghtu zewg verzjonijiet differenti ta' kif sehh l-incident stradali ghaliex filwaqt illi l-konvenut jikkontendi illi huwa kien bi hsiebu idur minn Triq Hompesch ghal go Triq San Gwann. Il-verzjoni attrici tikkontendi illi l-konvenut fil-fatt waqqaf hafna iktar 'il isfel minn din it-triq sekondarja u kien bi hsiebu jaghmel U-Turn sabiex jerga' idur 'il fuq gewwa Triq Hompesch.

Illi hemm zewg fatturi madanakollu li ma humiex ikkontestati. Jidher illi z-zewg sewwieqa, qabel l-incident kienu qed isuqu gewwa Triq Hompesch sejrin lejn id-direzzjoni tal-Fgura. Cassar kien bi hsiebu jibqa' sejjer fid-dritt, filwaqt illi l-konvenut kien waqqaf sabiex jaghmel manuvra f'din it-triq principali sabiex jikser u jbiddel id-direzzjoni.

Illi huwa ben risaput illi manuvra bhal din tirrikjedi grad ta' prudenza gholja hafna. Is-sewwieq mhux biss irid jassikura ruhu illi qieghed jaghti l-indikazzjonijiet kollha lis-sewwieqa l-ohra tat-triq tal-manuvra li bi hsiebu jaghmel, izda irid joqghod ukoll attent illi l-istess sewwieqa jkunu fiehmu l-indikazzjonijiet kollha li jkun qieghed jaghti sabiex ma jfixkilx *the normal flow of traffic*.

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi ma jirrizultax jekk il-konvenut fil-fatt kienx xeghel *indicator* meta gie sabiex ibiddel id-direzzjoni. Huwa jikkontendi illi ghamel dan meta xehed, izda l-anqas il-kuntistabbli Attard ma jiftakar illi l-konvenut kien qallu b'dan il-fatt, anzi jixhed illi li kieku l-konvenut kien qallu li xeghel l-*indicator*, zgur illi huwa kien inizzel l-istess fir-rapport tieghu. Fit-tieni lok, lanqas ma jidher illi l-konvenut kien wassal il-messagg lill-vetturi li kienu gejjin minn warajh illi kien bi hsiebu idur ghal go Triq San Gwann, u dana peress illi anke huwa stess jixhed illi huwa waqqaf u stenna sakemm il-vetturi li kienu gejjin minn warajh jaqbzuh. Illi t-Tribunal isibha difficli biex jifhem 'il ghala l-konvenut kellu jwaqqaf fil-genb u jistenna

lill-vetturi ta' warajh ighaddu sabiex jikser ghal go triq sekondarja u allura f'dan ir-rigward il-verzjoni attrici taghmel iktar sens. Inoltre, l-iskizz tal-pulizija jindika illi l-incident sehh iktar 'il isfel minn Triq San Gwann.

Il-konvenut jikkontendi illi mad-daqqa l-vetturi tkaxkru tmien metri, izda dan il-fatt ma hu kkorroborat mill-ebda wiehed mix-xhieda, lanqas ma hu ndikat fl-okkorrenza tal-pulizija u wisq inqas hemm indikazzjoni ta' brejk marks fuq l-iskizz li juru dak li qed jikkontendi l-konvenut.

Illi ghalhekk il-verzjoni attrici hija iktar verosimili. Jidher illi z-zewg partijiet jaqblu illi l-konvenut kien waqqaf fi Triq Hompesch. Cassar u Falzon ighidu illi huma rawh jirriversja u rega' waqqaf. Il-konvenut f'dan il-mument kien aljenat sabiex jivverifika jekk kienux gejjin vetturi mill-karreggjata l-opposta sabiex ikun jista' jdur u ftit ta' kaz il-vetturi li kienu gejjin minn warajh. Jidher illi f'dak il-mument ma kienux gejjin vetturi mill-karreggjata l-opposta u dana peress illi kemm Cassar haseb li seta' jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta sabiex jissorpassa lill-konvenut li kien wieqaf f'dak il-mument, u kemm il-konvenut haseb illi seta' jibda jisker sabiex idur u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel il-konvenut. Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahqet illi meta sewwieq ikun ser jikser mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu illi ma hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser. (ara sentenza Prim'Awla 15/10/1995 – _*Hugh Zammit noe. vs Raymond Debono; Middle Sea Insurance Co.Ltd., vs Patrick Calleja*_ – Qorti tal-Magistrati 01/03/1999) Inoltre l-artikolu 76 tal-Highway Code ighid: "***Before changing direction, reduce speed and keep watch on the traffic behind you by glancing in your mirror***." – Haga li l-konvenut certament ma ghamilx ghaliex lanqas biss ra l-vettura misjuqa minn Cassar gejja minn warajh u dana kif ighid huwa stess.

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal ma jista’ isib l-ebda htija fis-sewqan ta’ Cassar li lanqas ma jista’ jigi meqjus bhala *main road abuser* u dana peress illi huwa ma kellux ghazla gialdarba l-konvenut ghogbu iwaqqaf fin-nofs, hlief illi jissorpassah, hekk kif huwa vverifika li ma kienx gej traffiku mill-karreggjata l-opposta, kif fil-fatt jirrizulta anke mix-xhieda tal-konvenut stess.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, mitlub mill-attur, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni min-naha tal-konvenut dwar dan.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, jghaddi biex filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnu jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elf mija

u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1122.58), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kaptitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------